32006R0736

L 129/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 17.5.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 736/2006

tas-16 ta' Mejju 2006

dwar metodi ta' ħidma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-kumitat imsemmi fl-Artikolu 54(1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002,

Billi:

(1) L-Artikolu 12(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jitlob lill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija', biex twettaq spezzjonijiet u investigazzjonijiet kif meħtieġ biex taqdi ħidmietha.

(2) L-Artikoli 16(1) u 45(1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jitolbu lill-Aġenzija biex tgħin lill-Kummissjoni fis-sorveljanza tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha, kif ukoll tar-regoli tagħha ta' implimentazzjoni permezz tat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

(3) L-Artikolu 45(4) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jistipula li fejn spezzjoni ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru tinvolvi spezzjoni ta' impriża jew ta' assoċjazzjoni ta' impriżi, l-Aġenzija għandha ssegwi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tiegħu.

(4) Din l-Aġenzija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-ispezzjonijiet imwettqa bl-applikazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

---

[1] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).

(5) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jitlob li l-Kummissjoni tistipula l-metodi ta' ħidma tal-Aġenzija meta twettaq l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni.

(6) Dawn il-metodi ta' ħidma għandhom iqisu d-dispożizzjonijiet legali tal-Istati Membri li jirrelataw mal-awtorizzazzjoni u l-għoti ta' poter tal-istaff tagħhom li qed jieħdu sehem fi spezzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom[2] jipprevedi l-proċedura li għandha tissegwa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni meta jwettqu dawn ir-regoli.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u staff involut f'din il-ħidma[3] jipprevedi l-proċedura li għandha tkun segwita mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni meta jwettqu dawn ir-regoli.

(9) Il-metodi ta' ħidma stipulati f'dan ir-Regolament huma bla ħsara għall-poteri ta' infurzar mogħtija mit-Trattat lill-Kummissjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-metodi ta' ħidma għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam kopert mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

a) 'spezzjoni' għandha tfisser l-ispezzjoni ta' standardizzazzjoni msemmija fl-Artikoli 16(1) u 45 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 imwettqa mill-Aġenzija bl-għan li tissorvelja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni;

---

[2] ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 706/2006 (ĠU L 122, 9.5.2006, p. 16).

[3] ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 707/2006 (ĠU L 122, 9.5.2006, p. 17).

b) 'awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni' għandhom ifissru l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002;

c) 'staff awtorizzat tal-Aġenzija' għandu jfisser il-persuni li huma legalment awtorizzati mill-Aġenzija biex iwettqu l-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u spezzjonijiet ta' impriżi jew ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi bl-għan li tiġi vverifikata l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 minn dawn l-awtoritajiet;

d) 'staff awtorizzat tal-Istati Membri' għandu jfisser il-persuni legalment awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jgħinu lill-Aġenzija fit-twettiq tal-ispezzjonijiet.

Artikolu 3

Il-prinċipji għat-twettiq tal-ispezzjonijiet

1. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet tal-awtoritjiet nazzjonali tal-avjazzjoni li permezz tagħhom għandha teżamina b'mod partikolari l-konformità ta' dawn l-awtoritjiet mad-dispożizzjonijiet tal-Anness - Parti 21 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 u l-Annessi I (Parti M), II (Parti 145), III (Parti 66) u IV (Parti 1470 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 u għandha tistabbilixxi rapport dwarhom.

2. L-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni jistgħu jinkludu, għall-għan tal-paragrafu 1, spezzjonijiet ta' impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi taħt is-sorveljanza tal-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni.

3. L-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni għandhom jitmexxew b'mod trasparenti, effettiv, armonizzat u konsistenti.

4. L-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni għandhom jitmexxew mill-Aġenzija fuq bażi regolari u, fejn xieraq, fuq bażi *ad-hoc*.

5. Dan ir-Regolament huwa bla ħsara għall-Artikoli 11 u 47 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, ECSC, Euratom[4].

Artikolu 4

Skambju ta' tagħrif

1. L-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni għandhom jipprovdu l-Aġenzija fuq talba bit-tagħrif kollu meħtieġ għall-finijiet tat-twettiq tal-ispezzjonijiet.

[4] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1

2. Meta tressaq talba bħal din għat-tagħrif quddiem awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ta' Stat Membru u/jew quddiem impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi l-Aġenzija għandha tistqarr il-bażi legali u l-għan tagħha, tispeċifika x'tip ta' tagħrif huwa meħtieġ u tiffissa limitu ta' żmien li fih it-tagħrif għandu jingħata.

Artikolu 5

Taħriġ u kriterji ta' kwalifika għat-timijiet ta' spezzjoni u għall-mexxejja tat-timijiet

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi programmi ta' taħriġ għall-kwalifiki xierqa tal-istaff tagħha, bħala staff awtorizzat prospettiv tal-Aġenzija, u tal-istaff awtorizzat tal-Istati Membri biex jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni u, fejn meħtieġ, spezzjonijiet ta' impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi.

2. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi kriterji ta' kwalifiki għall-istaff tagħha u għall-istaff tal-Istati Membri li jieħdu sehem fit-timijiet ta' spezzjoni. Kriterji ta' kwalifika bħal dawn għandhom jinkludu l-għarfien u l-esperjenza tat-tekniki ta' verifika u l-għarfien teoretiku u l-esperjenza prattika fil-kwistjonijiet rilevanti koperti bir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u r-regoli tiegħu ta' implimentazzjoni.

3. Il-mexxejja tat-timijiet għandu jkollhom esperjenza sinifikanti tax-xogħol fl-oqsma koperti mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u mir-regoli ta' implimentazzjoni u mill-inqas ħames snin bħala spetturi u/jew awdituri fil-qasam tal-istandardizzazzjoni. Kemm il-mexxejja tat-timijiet kif ukoll il-membri tat-timijiet għandhom jitħarrġu fir-rekwiżiti ta' standardizzazzjoni applikabbli u fil-proċeduri. Il-membri tat-timijiet għandu jkollhom esperjenza prattika ta' mill-inqas ħames snin fil-qasam rilevanti kopert mill-ispezzjoni u għandhom ikunu familjari mal-kunċett ta' investigazzjoni tas-sistema ta' kwalità.

Artikolu 6

L-istabbiliment ta' timijiet għall-ispezzjonijiet

1. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu minn timijiet stabbiliti mill-Aġenzija. Kull tim għandu jkollu mexxej u minimu ta' żewġ membri. Fil-każ ta' spezzjonijiet *ad hoc* l-Aġenzija tista' taġġusta d-daqs tat-timijiet ta' spezzjoni. Il-mexxejja tat-timijiet għandhom ikunu staff awtorizzat tal-Aġenzija. Il-membri tat-timijiet jistgħu jkunu staff awtorizzat tal-Aġenzija u/jew tal-Istati Membri.

2. L-istaff tal-Istati Membri li tħarrġu kif xieraq mill-Aġenzija, li jilħqu l-kriterji ta' kwalifika stabbiliti fl-Artikolu 5 u li jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni u/jew impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi taħt is-sorveljanza tagħhom, jistgħu jkunu ssekondati mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom biex jieħdu sehem bħala staff awtorizzat tal-Istati Membri fit-timijiet ta' spezzjoni mmexxija mill-Aġenzija. L-istaff awtorizzat mill-Istati Membri huwa eskluż mill-ispezzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tagħhom.

3. L-Aġenzija għandha tiżgura li, fl-istabbiliment tat-timijiet, ma għandu jkun hemm l-ebda konflitt ta' interessi la mal-awtoritajiet nazzjonali spezzjonati u lanqas mal-

impriżi jew mal-assoċjazzjonijiet ta' impriżi spezzjonati. Fil-każ ta' staff awtorizzat tal-Istati Membri, għandha tinħareġ dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interessi mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni li qed tissekonda l-uffiċjal.

4. L-Istati Membri għandhom jaħtru koordinatur nazzjonali biex jgħin lill-Aġenzija fl-istadji kollha tal-proċess u għandhom jiżguraw li t-tim(ijiet) ta' spezzjoni huma akkumpanjati matul l-ispezzjoni.

5. L-Aġenzija għandha titlob fi żmien xieraq qabel tniedi spezzjoni tagħrif mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni fir-rigward tad-disponibbiltà ta' staff awtorizzat mill-Istati Membri għat-twettiq tagħha. Waqt li tippjana l-ispezzjonijiet l-Aġenzija għandha tagħmel ħilitha biex tibbilanċja s-sehem tal-istaff awtorizzat mill-Istati Membri differenti.

6. L-Ispejjeż li jinħolqu mis-sehem tal-koordinaturi nazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 9(1)(a) u tal-istaff awtorizzat mill-Istati Membri fl-ispezzjonijiet u l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija għandhom jinġarru, f'konformità mar-regoli Komunitarji u bla ħsara għall-proċedura baġitarja Komunitarja annwali, mill-Aġenzija.

Artikolu 7

It-twettiq u r-rappurtar tal-ispezzjonijiet

Spezzjoni ta' standardizzazzjoni ta' awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni u, jekk meħtieġ, impriża jew assoċjazzjoni ta' impriżi għandha tinkludi l-fażijiet li ġejjin:

a) fażi ta' tħejjija ta' mill-inqas 10 ġimgħat qabel ma ssir l-ispezzjoni;

b) fażi ta' żjarat;

c) fażi ta' rappurtar li tieħu massimu ta' 12-il ġimgħa wara l-ispezzjoni; u

d) fażi ta' segwitu li tieħu massimu ta' 16-il ġimgħa wara l-fażi ta' rappurtar;

e) fażi ta' konklużjoni li għandha ssir mat-tmiem tal-fażi ta' segwitu.

Artikolu 8

Il-fażi ta' tħejjija

Matul il-fażi ta' tħejjija l-Aġenzija għandha:

a) tagħti avviż ta' spezzjoni lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni mill-inqas 10 ġimgħat qabel iż-żjara ta' spezzjoni, imbagħad tiġbor it-tagħrif meħtieġ għat-tħejjija taż-żjara ta' spezzjoni, tiddefinixxi l-programm taż-żjara u tiddeċiedi l-kompożizzjoni tat-tim ta' spezzjoni, kif ukoll kwalunkwe bidliet prospettivi għal dan, u

b) tikkomunika lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni flimkien mal-avviż ta' spezzjoni kwestjonarju ta' spezzjoni li għandu jitlesta mill-inqas sitt ġimgħat qabel iż-żjara ta' spezzjoni mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni u, fejn meħtieġ, mill-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriżi li għandhom jiġu spezzjonati meta ssir l-ispezzjoni ta' dik l-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni.

Artikolu 9

Il-fażi taż-żjarat

7. Matul il-fażi taż-żjarat l-Aġenzija għandha

a) torganizza laqgħat preliminari u ta' għeluq bejn it-tim ta' spezzjoni u l-koordinatur nazzjonali tal-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni li qed tiġi spezzjonata jew fuq il-post fejn tinsab l-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni jew fil-post tagħha stess; l-għan ta' laqgħat bħal dawn għandu jkun iffukat fuq aspetti organizzazzjonattivi u fuq it-twettiq ġenerali taż-żjara ta' spezzjoni;

b) twettaq żjarat fil-post, inklużi sessjoni ta' ftuħ u tal-għeluq, tal-uffiċċji ewlenin u, jekk meħtieġ, tal-uffiċċji reġjonali u tal-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni; spezzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni jistgħu jinkludu wkoll spezzjonijiet ta' impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi taħt is-sorveljanza tagħhom;

c) tagħmel intervisti mal-istaff tal-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata u teżamina r-rekords, id-dejta, il-proċeduri u kwalunkwe materjal rilevanti ieħor billi tuża l-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament li jiżgura t-trasparenza u l-konsistenza tal-ispezzjoni;

d) tressaq rapport preliminari tal-ispezzjoni lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata fis-sezzjoni tal-għeluq; dan ir-rapport għandu jinkludi kummenti mressqa mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata matul iż-żjara ta' spezzjoni, jekk ikun hemm, flimkien ma' talba lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni biex tieħu azzjoni effettiva minnufih għat-tneħħija ta' riskju immedjat għas-sigurtà, fejn riskju bħal dan jinstab matul spezzjoni;

e) titlob li titressaq evidenza tal-azzjoni ta' rimedju li ttieħdet mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata fil-laqgħa tal-għeluq imsemmija f'(a).

2. Waqt li twettaq il-ħidmiet tagħha fil-fażi msemmija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija tista' tintervista kwalunkwe persuna naturali jew legali għall-għan ta' ġbir ta' tagħrif relatat mas-suġġett ta' spezzjoni. Fejn intervista bħal din issir fil-post ta' impriża, l-Aġenzija għandha tgħarraf b'avviż ta' ġimgħatejn lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun qed issir l-intervista kif ukoll lill-awtorità tal-avjazzjoni li teżerċita s-sorveljanza fuq l-impriża inkwistjoni. Jekk meħtieġ mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ta' dak l-Istat Membru, l-istaff tagħha jista' jgħin lill-istaff awtorizzat tal-Aġenzija biex itwettaq l-intervista.

Artikolu 10

Il-fażi ta' rappurtar

Matul il-fażi ta' rappurtar l-Aġenzija għandha tistabbilixxi rapport finali ta' spezzjoni li fih id-dettalji tat-twettiq tal-ispezzjoni u li jindirizza sejbiet partikolari identifikati matul l-ispezzjoni kif deskritt fl-Artikolu 13. Dan ir-rapport għandu jinkludi kummenti tal-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata, jekk ikun hemm. Ir-rapport finali ta' spezzjoni għandu jiġi indirizzat lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tittrażmetti sussegwentement dan ir-rapport lill-awtoritajiet nazzjonali kollha tal-avjazzjoni.

Fejn rapporti preliminari ta' spezzjonijiet jitolbu azzjonijiet korrettivi immedjati kif stipulat fil-paragrafu 9(1)(d) u talbiet bħal dawn ma jitwettqux b'mod sodisfaċenti mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni kkonċernata, ir-rapport finali ta' spezzjoni għandu jkun fih evidenza tan-nuqqas ta' dan.

Artikolu 11

Il-fażi ta' segwitu

Matul il-fażi ta' segwitu l-Aġenzija għandha:

a) taqbel fi żmien 16-il ġimgħa mill-bidu ta' fażi bħal din dwar pjan ta' azzjoni mal-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata, waqt li tiddefinixxi kwalunkwe azzjoni rimedjali u t-tul ta' żmien rilevanti li fih azzjoni bħal din għandha tittieħed biex issolvi s-sejbiet li saru skont l-Artkolu 7;

b) tibda tissorvelja l-progress tal-azzjonijiet rimedjali miftiehma; l-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata għandha tipprovdi l-Aġenzija b'tagħrif hekk kif l-azzjonijiet korrettivi jiġu adottati.

Artikolu 12

Il-fażi tal-għeluq

Matul il-fażi tal-għeluq l-Aġenzija għandha:

a) tivverifika u tivvalida l-implimentazzjoni progressiva sodisfaċenti tal-pjan ta' azzjoni; għal dan l-għan l-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata għandha tipprovdi lill-Aġenzija b'tagħrif hekk kif l-azzjonijiet korrettivi jiġu adottati;

b) toħroġ stqarrija tas-sejbiet tal-għeluq ladarba tkun issodisfata bl-azzjonijiet meħuda mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata. Stqarrija bħal din għandha tiġi indirizzata lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata, lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tittrażmetti sussegwentement dan ir-rapport lill-awtoritajiet nazzjonali kollha tal-avjazzjoni.

Artikolu 13

Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet

Meta tkun qed tiġi evalwata l-konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u tar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, ir-riżultati fir-rapport rilevanti finali ta' spezzjoni għandhom jiġu kklassifikati bħala:

a) konformi totalment;

b) konformi, iżda t-titjib huwa rakkomandat fl-oqsma [referenza għar-regoli affettwati] għal aktar effiċjenza;

c) mhux konformi, b'evidenza oġġettiva ta' nuqqasijiet żgħar li juru li m'hemmx konformità mar-rekwiżiti applikabbli fl-oqsma [referenza għar-regoli affettwati], li jistgħu jaqilgħu tħassib dwar standardizzazzjoni;

d) mhux konformi, b'evidenza oġġettiva ta' nuqqasijiet sinifikanti li juru li ma hemmx konformità mar-rekwiżiti applikabbli fl-oqsma [referenza għar-regoli affettwati], li, barra tħassib dwar standardizzazzjoni jaqilgħu tħassib dwar sigurtà jekk ma jiġux korretti minnufih;

e) mhux applikabbli;

f) mhux ikkonfermata, meta l-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni spezzjonata tieħu l-impenn li tipproduċi minnufih wara ż-żjara evidenza materjali ta' konformità dwar sejbiet ikklassifikati mod ieħor mill-f'(c) jew f'(d), billi din l-evidenza materjali mhijiex direttament disponibbli fil-ħin taż-żjara.

Artikolu 14

Aċċess għat-tagħrif li jinsab fir-rapporti ta' spezzjoni

Meta t-tagħrif li jinsab f'rapport ta' spezzjoni jikkonċerna impriża taħt l-awtorità regolatorja ta' pajjiż terz u jaqa' taħt l-ambitu tal-applikazzjoni ta' ftehim Komunitarju konkluż skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, tagħrif bħal dan għandu jkun disponibbli lill-pajjiż terz bħala parti minn ftehim bħal dan skont id-dispożizzjonijiet tiegħu rispettivi.

Artikolu 15

Azzjoni meħuda wara rapport ta' spezzjoni

8. L-Aġenzija tista', fi kwalunkwe ħin, jew b'talba tal-Kummissjoni, twettaq spezzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni u, fejn meħtieġ, tal-impriżi jew tal-assoċjazzjonijiet tal-impriżi biex tevalwa t-tkomplija sodisfaċenti tal-azzjonijiet korrettivi. Spezzjonijiet bħal dawn għandhom jitħabbru lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni kkonċernata b'avviż ta' ġimgħatejn iżda ma għandhomx għalfejn ikunu konformi mal-għeluq taż-żmien u mal-proċeduri previsti fl-Artikoli 8 sa 12, għajr li jkun meħtieġ rapport finali ta' spezzjoni.

9. Fejn matul il-fażi ta' rappurtar ir-rapporti finali ta' spezzjoni jkun fihom sejbiet mhux konformi li saru skont l-Artikolu 13 (c), (d) jew (f), l-Aġenzija għandha tindirizza talba għall-kjarifiki u/jew titlob azzjoni korrettiva mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Istat Membru spezzjonat, waqt li tistipula data tal-għeluq li ma għandhiex taqbeż ġimgħatejn għal sejbiet skont l-Artikolu 13 (d) j (f) u 10 ġimgħat għal sejbiet skont l-Artikolu 13 (c).

10. Jekk il-kjarifiki pprovduti mill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Istat Membru spezzjonat ma jissodisfawx lill-Aġenzija jew fejn l-ebda azzjoni korrettiva sodisfaċenti m'hi proposta fil-ħin jew mhijiex implimentata kif xieraq minn dik l-awtorità, l-Aġenzija għandha tindirizza rapport supplementari lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzoni kkonċernata, kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat. Il-Kummissjoni tista' tittrażmetti sussegwentement dan ir-rapport lill-awtoritajiet nazzjonali kollha tal-avjazzjoni.

11. Wara t-tressiq tar-rapport stipulat fil-paragrafu 3 u bla ħsara għall-Artikolu 226 tat-Trattat, fil-każ ta' sejbiet skont l-Artikolu 13 (c) u (d) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe minn dawn il-passi:

a) tindirizza kummenti lill-Istat Membru kkonċernat jew titolbu aktar spjegazzjoni biex jiċċara s-sejbiet kollha jew parti mis-sejbiet;

b) titlob lill-Aġenzija biex twettaq l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa tal-awtoritjiet nazzjonali tal-avjazzjoni biex jivverifikaw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi, l-avviż minimu għal azzjoni ta' segwitu bħal din għandu jkun ta' ġimgħatejn.

Artikolu 16

Spezzjonijiet ad hoc

L-Aġenzija għandha twettaq spezzjonijiet *ad hoc* tal-awtoritjiet nazzjonali tal-avjazzjoni b'talba mill-Kummissjoni jew meta meqjus bħala meħtieġ għal raġunijiet ta' sigurtà. Spezzjonijiet bħal dawn għandhom jitħabbru lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni kkonċernata b'avviż ta' ġimgħatejn iżda ma għandhomx għalfejn ikunu konformi mal-għeluq taż-żmien u mal-proċeduri prevesti fl-Artikoli 7 sa 12, għajr li jkun meħtieġ rapport finali ta' spezzjoni.

Artikolu 17

Programm ta' spezzjoni ta' standardizzazzjoni u r-rapport annwali

L-Aġenzija għandha tiddefinixxi programm annwali għall-ispezzjonijiet f'kull qasam regolati mir-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002. Programm annwali bħal dan għandu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni u lill-membri l-oħra tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Aġenzija bħala parti mill-programm ta' ħidma tal-Aġenzija skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 24(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

Qabel il-31 ta' Marżu kull sena, l-Aġenzija għandha tressaq rapport annwali lill-Kummissjoni li jippreżenta analiżi ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni mwettqa s-sena ta' qabel.

Artikolu 18

Proċeduri ta' ħidma

L-Aġenzija għandha tistabbilixxi proċeduri xierqa ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-ħidmiet mogħtija lilha skont l-Artikoli 5 sa 16 ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn xagħrejn wara dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 19

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Mejju 2006

Għall-Kummissjoni
Jacques Barrot
Viċi President